# IL-LOĠIKA TA' ALLA IL-LOĠIKA TA' KRISTU

## Ittra Pastorali tar-Randan 2011 mill-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta u mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex

Ħuti,
Fir-Randan il-Komunità Nisranija tagħmel riflessjoni dwar ir-Rieda ta' Alla l-Missier u kif Sidna Ġesù Kristu wettaqha sal-mewt fuq is-salib. Hija stedina għalina biex aħna wkoll inwettqu dan fl-aspetti kollha tar-Rieda ta' Alla fuqna.

Il-Mulej għandu modi differenti kif jiftħilna għajnejna dwar aspetti differenti tal-Pjan ta' Alla.

Din is-sena l-Mulej fetħilna għajnejna fuq xi ħaġa li kienet hemm, iżda ħassejna lilna nfusna qisna bla qawwa quddiemha. Ma konniex qegħdin nindunaw biżżejjed li, fis-soċjetà ta' madwarna, il-kultura dwar iż-żwieġ u l-familja nbidlet. Konna ngergru għaliex 'm'għadniex bħal qabel' u nirrassenjaw ruħna għal dan.

Din is-sena, id-diskussjoni dwar id-divorzju fetħitilna għajnejna mhux biss dwar dan il-mod kif jitħassar żwieġ dejjiemi, iżda għenitna nagħmlu l-mistoqsija dwar din il-kultura. Forsi lanqas konna ndunajna biżżejjed kemm din inbidlet, u allura, kemm ħafna drabi tkun ta' tfixkil għal dawk li jkunu jixtiequ jiżżewġu u jipperseveraw fiż-żwieġ.

Din is-sena rridu neħduha bħala grazzja mill-Mulej għax lilna l-Insara fetħitilna missjoni kbira. Ma nistgħux nibqgħu b'rasna mistrieħa dwar il-kultura taż-żwieġ: għandna l-missjoni li nibnu kultura ġdida dwar iż-żwieġ. Għan-Nisrani, il-vojt tal-kultura ma jbeżżgħux, bħalma ma beżżax l-ewwel Insara. Hija sfida sabiħa biex jimliha bil-valuri spirati mill-Kelma ta' Alla.

Din hija parti mill-Evanġelizzazzjoni l-ġdida li tant qegħdin jisħqu fuqha l-Papiet: li permezz tal-Knisja niltaqgħu mal-Kelma ta' Alla li hija l-għajn ta' kull valur, u li din l-Evanġelizzazzjoni trid tgħaddi permezz tal-familja.

### Il-Loġika ta' Alla

In-Nisrani huwa dak li ħa deċiżjoni f'ħajtu biex jimxi wara l-Mulej. It-triq, il-mappa, hija l-Kelma ta' Alla. Huwa jgħixha fi ħdan il-komunità li waqqaf il-Mulej Ġesù, jiġifieri l-Knisja.

Il-Kelma ta' Alla turih b'mod speċjali l-ħsieb ta' Alla għall-bnedmin. Il-Kelma ta' Alla tiġi murija f'żewġ ħsibijiet prinċipali. L-ewwel wieħed huwa l-ħsieb, il-loġika ta' Alla fil-ħolqien, il-pjan tal-Ħallieq. It-tieni wieħed huwa l-loġika, il-ħsieb ta' Sidna Ġesù Kristu: Hu ġie mibgħut minn Alla l-Missier biex jurina bil-ħajja u t-tagħlim tiegħu, kif ngħixu l-ideal tal-ħolqien f'dinja tqila u ta' tfixkil. Jekk insegwu l-għażliet li għamel Ġesù, ma nitfixklux fil-ħarsien tal-valuri tal-ħolqien.

Alla huwa Ħallieq Divin. Kull ma għamel, għamlu bi ħsieb u bi pjan biex dan il-ħolqien jilħaq l-aħjar possibbiltajiet tiegħu. Alla mhux Ħallieq agħma. Hu ma taniex il-ħolqien u ma juriniex x'għandna nagħmlu bih. Alla għamel dan il-pjan madwar il-bniedem li hu ħalqu "xbieha tiegħu". Kull darba li l-bniedem telaq dan l-ideal, kienet l-umanità kollha li sofriet: dan narawh fuq id-dinjità ta' kull persuna indipendentement minn razza, kulur, reliġjon, eċċ, u qed niskopruh dejjem iktar fir-rispett u l-kura tal-ambjent.

Hekk ukoll, Alla kellu pjan għaż-żwieġ u l-familja. Kien l-ikbar don li Alla ta lill-bniedem. Dan il-pjan kien ibbażat fuq id-dinjità ta' kull bniedem, raġel u mara, li tiġi mhux minn kultura iżda għax ġew maħluqin indaqs xbieha ta' Alla; id-don ta' Alla tal-mara lir-raġel u tar-raġel lill-mara; il-ġibda li poġġa fil-bniedem li mbagħad il-bniedem jeħodha f'idejh u jagħmilha mħabba stabbli – "ġisem wieħed". Dan il-pjan kollu sawru Alla biex permezz tiegħu jitwieldu bnedmin ġodda mdawrin minn din l-istabbiltà ta' mħabba fit-tnissil u t-trobbija tagħhom (Ara Ġenesi kap 1 u 2). Tant huma marbutin ma' xulxin l-elementi kollha ta' dan il-pjan, li meta żwieġ jitkisser dan il-ġid jintilef.

Skont dan il-pjan ta' Alla, għażla favur iż-żwieġ u l-familja hija għażla favur il-bniedem innifsu. Ir-realtà ta' madwarna turi dan bl-istatistiċi tat-tbatija fuq il-koppja nfisha, iżda l-iktar fuq it-tfal.

### Ir-Responsabbiltà tal-bniedem

Alla ħalla f'idejn il-bniedem li jwettaq dan il-pjan tiegħu dwar il-ħolqien. Ir-responsabbiltà kbira li taqa' fuq il-bniedem tidher fl-istorja ta' Adam u Eva. Alla mhux biss iħallilhom kollox f'idejhom, iżda wkoll jagħtihom responsabbiltà li ma jagħżlux triq oħra. Din hija t-tifsira tas-siġra tat-tajjeb u l-ħażin li tissemma fil-Ġenesi (kap 3). Din hija l-għażla tal-bniedem f'kull żmien: jagħżilx it-triq ta' Alla, jew it-triq kif jifhimha hu, la' loġika purament umana li tbiegħdu mit-triq ta' Alla.

Alla mhux biss jagħti din ir-responsabbiltà lill-bniedem iżda jistaqsi lill-bniedem x'għamel dwar dan il-pjan. Lil Adam staqsieh: "Jaqaw kilt mis-siġra li jien

ordnajtlek li ma tikolx minnha?" Alla staqsa wkoll lil Eva: "Xinhu dan li għamilt?" Fil-Ġenesi (kap 4,1-16) Alla jistaqsi lil Kajjin wara li dan qatel lil ħuh Abel: "Fejn hu ħuk Abel?" Alla jistaqsihom għaliex ma wettqux il-pjan tiegħu. In-Nisrani jgħix il-ħajja tiegħu, personalment u fil-komunità tal-Knisja, konxju li anki hu jrid iwieġeb għal dawn id-domandi. Din hija r-responsabbiltà li aħna nsejħulha bl-isem ta' 'kuxjenza'!

### Il-loġika ta' Kristu

Dawn l-ideali huma diffiċli li ngħixuhom f'kuntest ta' dinja diffiċli. Alla l-Imbierek bagħat lil Ibnu biex jurina kif f'din id-dinja diffiċli kapaċi nibqgħu mexjin lejn l-ideal tal-ħolqien.

Hekk Ġesù uriena kif għandna ngħixu l-imħabba f'din id-dinja magħmulha diffiċli mit-tfixkil ta' ġewwa fina u ta' madwarna. Ġesù għexha fl-għotja tiegħu nnifsu, fil-maħfra, fil-ġenerożità ma' min hu dgħajjef, fil-paċenzja biex jgħallem lil min kien għażel bħala dixxiplu tiegħu. L-għażla għal-Loġika Divina li semmejna fuq, trid tkun magħquda mal-għażla li dan il-valur irridu ngħixuh kif għallimna l-Mulej Ġesù: ma tistax tgħix 'imħabba vera' biss b'loġika umana li tkun maqtugħa minn Alla, iżda fuq il-loġika 'Kristjana' tat-tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu.

Għandna episodju fil-ħajja tal-Mulej Ġesù meta din l-għażla tidher ċara fil-kuntest tal-pjan ta' Alla għaż-żwieġ u l-familja (Mt 19, 3-10). Hu ġie affrontat minn grupp ta' Fariżej li kellmuh fuq id-divorzju. Ġesù juri fit-tweġiba tiegħu li hu mweġġa'. Ir-raġuni tal-weġgħa tiegħu kienet tixbah lil dik ta' Alla fl-għażla li għamlu Adam u Eva. Il-Fariżej iktar emmnu li jistgħu jibnu soċjetà aħjar jekk tiġi bbażata fuq il-possibbiltà tad-divorzju milli jekk tibniha fuq l-istabbiltà taż-żwieġ.

Erġajna għal deċiżjoni fundamentali għan-Nisrani: nemmen u nimxi fuq il-pjan u l-loġika ta' Alla fil-ħolqien għal għaqda sħiħa bejn raġel u mara li jsiru "ġisem wieħed", jew fuq il-loġika umana maqtugħa minn Alla li tinsab fit-tkissir ta' din l-għaqda permezz tad-divorzju? Ir-realtà ta' madwarna fejn soċjetajiet għażlu din il-loġika umana twassalna biex nieħdu deċiżjoni personali. Irridu naraw jekk soċjetà bid-divorzju tagħtix ġejjieni aħjar lis-soċjetà aktar milli tibniha madwar stabbiltà taż-żwieġ u tinvesti fiha biex tibniha.

F'dan, in-Nisrani ma għandux jibża' li jkun differenti minn ħsibijiet oħrajn għaliex jaf li, anki jekk ikun waħdu quddiem id-dinja, ma jkunx waħdu quddiem Alla. Hija ta' konsolazzjoni kbira li jkun għamel din l-għażla quddiem Alla, anki jekk ikollu jħallas dan il-prezz.

### L-imħabba ta' Ġesù

In-nuqqas ta' Adam u Eva huma mmarkati diġà minn pjan ieħor ta' Alla biex jerġa' jiġbidhom lejh. Issa l-għażla ta' Alla trid tiġbor lill-bniedem li issa huwa midneb, u jħobbu hekk u jagħmel pjan li jressqu lejh f'din il-kundizzjoni. Il-wegħda ta' Alla lil Noe: "Arawni, jien se nagħmel il-patt tiegħi magħkom u ma' nisilkom warajkom..." (Ġen 9,9), tfisser patt ġdid ta' Alla mal-bniedem li kapaċi jitfixkel u jidneb.

Ġesù, li ġie mibgħut mingħand Alla l-Missier f'din id-dinja li hija imperfetta, għallimna u wriena li iktar ma ppriedka dan il-pjan ta' Alla f'kollox, iktar kien juri l-imħabba tiegħu lejn dawk li jfallu fih biex ikunu jistgħu jirritornaw lejn it-tajjeb. Meta Ġesù lill-mara li nqabdet fl-adulterju ma kkundannahiex imma qalilha biex ma tidnibx iżjed, hu juri l-imħabba ta' Alla l-Missier lejn dawk li jonqsu biex jagħtihom ċans ħalli jerġgħu jittamaw fih.

Aħna bħala dawk li mexjin fuq il-passi ta' Ġesù rridu nimxu fuq il-passi tiegħu anki f'dan. Iktar ma ż-żwieġ ta' koppja jkun sabiħ, iktar għandha tħossha msejħa biex tħares b'imħabba lejn dawk li qegħdin ibatu mill-falliment taż-żwieġ tagħhom u tagħti s-sehem tagħha biex tgħinhom.

### Ir-Randan

Jekk dan il-pjan kien tant ċentrali għall-Mulej, nistgħu ngħixu r-Randan din is-sena madwar dan il-pjan biex ilkoll nagħtu s-sehem tagħna ħalli dan iseħħ. Nixtieq**u** nagħtukom xi suġġerimenti kif ngħixuh: agħmlu l-meditazzjoni tal-ħajja miżżewġa tagħkom madwar il-kwalità tal-imħabba li ħarġet mis-salib ta' Ġesù. Għaqqdu l-ħajja miżżewġa tagħkom iktar qrib tal-Mulej Ġesù: bil-quddies regulari tal-Ħadd, bit-talb ta' kuljum. Għaqqdu l-penitenza tar-Randan mal-ħajja taż-żwieġ tagħkom: aħdmu kontra dak li qiegħed ifixkel l-imħabba tagħkom. Ibdew kunu xhieda taż-żwieġ tagħkom kullimkien bla mistħija: b'ritratt tal-mara/tar-raġel tagħkom jidher fuq il-post tax-xogħol; tidħlux f'diskors li jwaqqa' l-ħajja taż-żwieġ, u ħafna drabi l-mara, għaċ-ċajt.

Ma nistgħux nimmaġinaw mod isbaħ illum kif niċċelebraw ir-Randan milli nibdew nagħtu s-sehem tagħna biex insaħħu ż-Żwieġ u l-Familja u nibnu kultura f'pajjiżna madwar il-pjan ta' Alla. Naqsmu magħkom il-missjoni biex nitolbu lil Alla l-Missier, flimkien ma' Sidna Ġesù Kristu, bl-interċessjoni ta' Sidtna Marija, biex nibnu dan il-Pjan b'qima lejn Alla l-Missier.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna.

Illum, 22 ta' Frar 2011
Festa tal-Katedra ta' San Pietru, Appostlu

✠ PAWL CREMONA O.P.
Arċisqof ta' Malta

✠ MARIO GRECH
Isqof ta' Għawdex

# *IR-RANDAN JGĦINNA NIBNU INTENZJONI RETTA FID-DAWL TAL-KELMA TA' ALLA*

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech**
**Nhar Ras ir-Randan**
**Knisja Katidrali – L-Erbgħa, 9 ta' Marzu**

## L-intenzjoni retta

Waħda mill-isfidi li nħabbtu wiċċna magħhom matul ir-Randan hija dwar kemm qed ngħixu ħajja Nisranlja awtentika. Aħna għal wiċċ min qegħdin ngħixu: biex inkunu mogħġuba quddiem Alla jew biex nintgħoġbu mill-bnedmin? Quddiem min irridu nidhru sbieħ: quddiem id-dinja jew quddiem Alla? Ħafna drabi, meta nitkellmu jew naġixxu inkunu ttentanti li aktar nagħtu attenzjoni dwar kif ser jinterpretawna jew jiġġudikawna n-nies milli li nimxu skont is-sewwa u l-ġustizzja! Sfortunatament biex nidhru sbieħ quddiem in-nies, ġie li nagħżlu li ma nkunux sbieħ quddiem Alla!

Għalhekk huwa importanti li f'dak li nagħmlu jew ngħidu jkollna l-"intenzjoni retta", fis-sens li wieħed għandu jagħmel azzjoni bla interessi ta' xejn u għall-imħabba ta' Alla. Din hija t-twissija li jagħmlilna Ġesù fl-Evanġelju tal-lum, meta jgħidilna biex l-għemil tagħna ma nagħmluhx għal wiċċ in-nies biex nagħmlu wirja quddiemhom; li meta nagħmlu karità ma għandniex indoqqu t-trombi; li mhux sew li nitolbu jew insumu biex nidhru quddiem in-nies (ara Mt 6:1-6.16-18). Billi l-intenzjoni retta ħafna drabi tkun nieqsa, id-diskors u l-għażliet tagħna dwar aspetti varji tal-ħajja tagħna privata u soċjali, bħalma huwa fil-kas taż-żwieġ u l-familja, ikunu 'l bogħod mis-sewwa li ġej minn Alla.

## It-Tqiegħed tal-irmied

Peress li l-bniedem illum jew tilef il-memorja jew għandu memorja marida, huwa sinifikattiv ħafna r-rit tat-tqiegħed tal-irmied li nagħmlu fil-bidu tar-Randan. Proprju t-talba li tingħad waqt it-traxxix tal-irmied fuq rasna fiha appell biex il-bniedem "jiftakar": "Ftakar, bniedem, li trab kont u trab trid terġa' ssir. Indem u emmen fil-Bxara t-Tajba".

Infatti l-irmied fuq rasna jgħinna nirrikonoxxu l-identità proprja tagħna – li aħna m'aħna xejn! Filli qisna ġolf u filli tieqaf tħabbat il-qalb u f'temp ta' ftit ġimgħat il-ġisem tagħna jsir trab. Din il-kundizzjoni miżera tagħna għandha tgħinna nżommu riġlejna mal-art u nżommu postna bħala ħlejjaq, u mhux kif ġie li jiġri li rasna tiġri bina u nibdew nilagħbu ta' Alla! Meta l-bniedem jinsa li hu ftit trab, faċli li jħalli s-suppervja tagħmih – is-suppervja hija għajn ta' ħafna żbalji!

## Sehem fil-qawmien ta' Kristu

Imma l-Bxara t-Tajba tfakkarna li għalkemm il-bniedem kien trab u trab jerġa' jsir, huwa kien ippredestinat biex ikun iben Alla, u minħabba din l-għażla li Alla għamel favur il-bniedem, minn bniedem li jmut u jintemm, il-mewt ma kellhiex taħkem fuqu. Imma minħabba d-dnub, il-mewt daħlet fid-dinja u fniet lill-bniedem, għax dak it-trab li fuqu nefaħ Alla biex jgħix għal dejjem reġa' sar trab li jintemm. Kien bil-mewt u l-qawmien ta' Kristu li dan il-ġisem tagħna li jmut jista' jieħu sehem mir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt. Għan-Nisrani dan il-proċess ta' bidla jibda fil-ġrajja tal-magħmudija, fejn min jitgħammed imut għad-dnub u jibda jgħix ħajja skont il-grazzja t'Alla. Kif jikteb il-Papa Benedittu fil-messaġġ għal dan ir-Randan, "il-ħajja ta' dejjem ġiet mogħtija lilna fil-jum tal-magħmudija tagħna: dakinhar li sirna sħab fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu, inbdiet fina l-avventura kollha ferħ u eżultanza tad-dixxiplu".

## Il-Kelma ta' Alla

Imbagħad il-liturġija tal-Knisja għal matul dawn il-ġimgħat tar-Randan, partikularment l-għażla tal-qari mill-Kotba Mqaddsa, kontinwament tfakkarna x'għamel Alla matul iż-żmien mal-poplu l-magħżul – ibda mill-ħolqien, l-għażla ta' Abraham, il-patt ma' Mosè, il-ħelsien mill-jasar tal-Eġittu, it-trawwim permezz tal-profeti, sakemm fil-milja taż-żmien Alla bagħat lil Ibnu biex bil-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu jifdina. Kif għal-Lhud kienet prassi indikata mill-Iskrittura biex minn ġenerazzjoni għal oħra jirrakkontaw l-għeġubijiet li għamel magħhom il-Mulej ħalli hekk ma jinsewx, anke aħna neħtieġu dan l-eżerċizzju biex il-memorja tagħna tgħinna nżommu quddiem għajnejna x'għamel Alla f'imħabbtu għalina. Għalhekk, ir-Randan huwa żmien propizju biex naqbdu f'idejna l-Kelma t'Alla, naqrawha u fl-istess waqt infittxu dawk l-okkażjonijiet fejn, permezz tal-predikazzjoni kwareżimali, nixtarru aktar it-tjubija t'Alla.

Għalhekk nitħeġġu lkoll biex napprofittaw minn dan iż-żmien qaddis tar-Randan – li xi wħud isejħulu "żmien sagramentali", għax huwa żmien li jista' jfawwarna bil-grazzja – biex, filwaqt li "niftakru" dan kollu, kull meta niġu biex nieħdu pożizzjoni bi kliemna jew b'għemilna ma nħarsu lejn wiċċ ħadd ħlief lejn Alla li lilu rridu nagħtu kont ta' ħajjitna.

Nirrakkomanda li r-rit tat-tqiegħed tal-irmied niċċelebrawh bil-kalma u d-devozzjoni li jixirqulu għax tant huwa talba b'tifsira profonda li kapaċi timmarka l-mixja tagħna għal matul dan ir-Randan.

# *EKLISSI TAD-DNUB*

**Messaġġ ta' Mons Isqof Mario Grech waqt Pellegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan**
**Kerċem – il-Ġimgħa, 11 ta' Marzu**

Qed ngħixu f'epoka fejn tlifna t-tifsira tad-dnub. Billi l-eklissi tad-dnub hija proporzjonata mal-eklissi ta' Alla, fis-sens li daqskemm soċjetà tkun warrbet lil Alla, daqshekk ieħor tiftaqar fis-sens tad-dnub, ir-Randan huwa żmien tajjeb biex l-Insara jerġgħu lura għand Alla u jiskopru l-ġmiel ta' wiċċu li deher fi Kristu Feddej. Mingħajr Alla, joktor id-dnub u tikber it-tbatija.

Skont il-Katekiżmu tal-Knisja, id-dnub huwa offiża kontra r-raġuni umana. Imżejjen bir-raġuni, il-bniedem suppost jiskopri "miktuba f'qalbu" l-liġi naturali. Jekk huwa jagħżel li jinjora jew imur kontra dak li tiddettalu l-liġi naturali, l-għażliet tiegħu jkunu ħżiena.

Id-dnub huwa offiża diretta lil Alla meta l-bniedem b'mod konxju u ħieles jikser il-liġi tiegħu kif waslitilna fil-Kotba Mqaddsa u mfissra mill-Knisja. Kristu jgħallem li min irid jidħol fil-ħajja ta' dejjem, għandu jħares il-kmandamenti, fosthom dawk li jipprojbixxu l-gidba u l-adulterju.

F'għajnejn Alla l-adulterju jibqa' dnub, anke jekk dan ikun protett mil-liġi tal-bnedmin.

Kif għidna fl-aħħar Ittra Pastorali, Alla jirrispetta r-rieda ħielsa tal-bniedem u tibqa' responsabilità tal-bniedem jekk jagħżilx it-triq ta' Alla jew it-triq kif jifhimha hu li tbiegħdu mit-triq ta' Alla. Alla mhux biss jagħti din ir-responsabilità lill-bniedem, iżda jistaqsih għaliex ma jkunx wettaq il-pjan tiegħu.

Dan japplika wkoll meta nitkellmu dwar l-istabilità taż-żwieġ. In-Nisrani jrid jagħti tweġiba u kont lil Alla jekk ikunx mexa fuq il-pjan tiegħu fil-ħolqien għal għaqda sħiħa bejn raġel u mara li jsiru "ġisem wieħed", jew jekk ikunx favur it-tkissir ta' din l-għaqda permezz tad-divorzju.

Il-possibilità li l-bniedem jidneb, timbuttah biex jikber fil-virtù tad-dixxerniment billi qabel jieħu xi deċiżjoni huwa jiżen, iqis u jgħarbel sewwa t-tajjeb mill-ħażin. Din ir-responsabilità ma nistgħu niddelegawha lil ħadd, imma kull wieħed irid jerfagħha hu personalment. Kull bniedem irid iwieġeb quddiem Alla għal għemilu.

Għall-bniedem li jidneb Kristu tana s-sagrament tal-Penitenza, li barra li huwa forġa li taħraq id-dnub, huwa okkażjoni ta' "evanġelizzazzjoni personalizzata" u strument tal-grazzja li tgħin lill-bniedem jagħmel it-tajjeb.

Anke jekk ir-roqgħa tal-ħażen tinfirex, in-Nisrani xorta qatt ma għandu jaqta' qalbu għaliex hija possibbli l-"mistika tad-dnub", fis-sens li meta l-ħajja tal-midinbin tkun tant ħżienet illi tmiss il-qiegħ, huma jindunaw bil-vojt u jibdew ifittxu t-tajjeb, il-veru u l-ġmiel li hemm f'Alla.

---

# *INFITTXU L-VERITÀ DWAR IŻ-ŻWIEĠ*

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech waqt il-Pontifikal tal-festa tal-Papa San Girgor**
**Kerċem – il-Ħadd, 13 ta' Marzu**

Id-diskussjoni li għaddejja dwar in-natura taż-żwieġ tissuPponi li qegħdin infittxu l-verità dwar iż-żwieġ.

Huwa fatt li soċjetà tkun isserraħ fuq pedamenti veri daqskemm tkun miftuħa għal Alla. Aktar ma nitbiegħdu minn Alla, aktar nieħdu pożizzjonijiet li jkunu 'l bogħod mis-sewwa. Min jeskludi lil Alla, jirriskja li jeskludi wkoll il-verità.

Alla ħaseb iż-żwieġ bħala rabta dejjiema bejn mara u raġel. Kull definizzjoni oħra ta' żwieġ hija gidba.

Il-verità hija kategorija politika għaliex il-bniedem ma jistax jibni s-soċjetà fis-sod jekk mhux fuq il-verità. Id-dittaturi rnexxew għax ħaddnu ideoloġiji foloz. In-nuqqas ta' rispett lejn il-verità jikkawża l-inġustizzja. Kif jikteb il-Papa Benedittu XVI, id-diskussjoni li twitti t-triq għall-formazzjoni tal-liġijiet ma tistax ma tkunx imsieħba minn tiftix dwar x'inhi l-verità. Huwa fatt li xi politiċi jħossuhom skomdi quddiem il-verità.

Hemm żewġ possibilitajiet kif il-bniedem jasal għall-verità. Għall-Insara hemm il-Liġi Divina miktuba fl-Iskrittura, waqt li dawk li ma għandhomx il-fidi jistgħu permezz tar-raġuni jaslu biex jiskopru l-verità li hemm miktuba fin-natura umana.

Hekk il-verità dwar iż-żwieġ, għal min jemmen jaf li Ġesù għallem b'mod ċar li ż-żwieġ huwa rabta dejjiema; u għal dawk li ma għandhomx fidi imma jużaw biss r-raġuni, il-liġi divina naturali mnaqqxa fil-qalb ta' kull bniedem tgħid li r-rabta taż-żwieġ naturali ma tinħall qatt.

Huwa minnu li l-pożizzjoni tan-Nisrani hija "konfessjonali", imma b'daqshekk mhix "irrazzjonali". Għall-kuntrarju, in-Nisrani jkun "irrazzjonali" jekk jafferma ħwejjeġ li jmorru kontra dak li tgħid ir-raġuni umana! Il-bniedem ma jistax jilgħab mal-liġi t'Alla, kemm dik naturali kif ukoll dik pożittiva.

**Nota tad-Direzzjoni:**
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.